MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 834/2004/1

**Joseph u Sandra konjugi Cassar**

**vs**

**Lawrence u Melvin Castagna**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Marzu, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' April, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmu (Lm384.10) u fejn intqal illi l-konvenuti diga gew ikkundannati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli volontarjament hassru hwejjeg a detriment tal-atturi. Il-konvenuti qatt mghamlu tajjeb ghad-danni ikkawzati minnhom u minflok

baqghu inadempjenti nonostante diversi interpellanzi mill-atturi.

Il-konvenuti huma minn issa ingunti in subizzjoni bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-28 ta' April, 2004 fejn intqal illi fl-ewwel lok il-proceduri kriminali huma proceduri ghall kollox separati u mghandhomx konnessjoni mal-proceduri civili.

Illi il-konvenuti ma kienux unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni izda l-attur stess ikkontribwixxa ghall-istess.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz hu esagerat.

Semgha x-xhieda ta' Joseph Cassar, Emanuel Micallef, Lawrence Castagna u Philip zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazjoni da parti tad-difensuri.

Ikkunsidra :

1. L-attur qed iffittex ghal hsarat volonarji li sarulu mill-konvenuti.
2. In sostenn tat-tezi tieghu hu esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-gudikatura Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet Pulizija Spettur Walter Spiteri vs Lawrence Castagna u Melvin Castagna, deciza mill-Magistrat Carol Peralta fil-21 ta' Jannar, 2003. F'dak il-kaz irrizulta illi fit-28 ta' Ottubru, 2000, il-konvenuti kienu ghamlu hsara fuq hwejjeg mobbli a detriment ta' Joseph Cassar. B'ebda mod ma hemm indikat l-entita` tal-hsara jew fuq x'hiex saret.
3. Joseph Cassar spjega illi l-konvenuti kienu hebbew ghalih u ghamlulu hsara fil-vettura tieghu. Hu esebixxa rendikont tad-danni, Dok.JC2, fis-somma ta' tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm384.10).
4. Skond survey report, Dok.JC3, li sar minn Philip Zammit, il-hsarat kienu jikkonsistu fis-segwenti :

« ……badly dented right side door skin, broken door handle and door window weather strip. » L-istess surveyor ivvaluta id-danni fis-somma ta' mija u hames liri Maltin, eskluzi l-parts, il-kera ta' karrozza, u hlas ta' survey report. L-istess Philip Zammit jikkonferma s-survey esebit.

5. Il-konvenut Lawrence Castagna jichad li ghamlu hsara volontarja fil-vettura tal-attur, u jghid li kien l-attur li dahal fihom. Jekk wiehed jara l-istqarrijiet tal-partijiet fir-road accident report, jirrizulta li kien hemm hsarat li graw rezultat tal-kollizzjoni, u hsarat ohra li graw volontarjament mill-konvenuti meta hebbew ghall-attur. Fl-istess road accident report, fl-istqarrija tieghu l-attur jghid li hu intlaqat mill-vettura tal-konvenuti fil-parti ta' wara tax-xellug tal-bumper. Ma jirrizultax li d-danni fil-bieba kienu rizultat tal-kollizzjoni izda graw meta kif jghid hu : « two men came out of car HAD784 and started hitting hiom and his car. »

6. Pero` t-Tribunal ma jistghax ma jinnutax li f'dan il-kaz, il-kawza kif imposta, tirrigwarda danni li sehhu volontarjament. Ghalhekk hawn wiehed irid jiddistingwi bejn il-kollizjoni ut sic, u danni volontarji li ghamlu l-konvenuti.

7. Ghalhekk jirrizulta li d-danni ma graw minhabba att volontarju da parti tal-konvenuti. Jirrizulta li dawna tassew ikkawzaw id- danni.

8. Dwar l-ammont tad-danni, it-Tribunal mhux qed jaqbel mas-segwenti : hamsa u sebghin lira (Lm75.00) spejjez legali li ma jirrizultawx, filwaqt li erbghin lira (Lm40.00) ghall-survey report huwa wkoll ammont esagerat apparti li ma hemmx prova li dawn thallsu. Ghalhekk dawn l-ammonti ghandhom jitnaqqsu mit-total. Ghalhekk jigi li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett mija u disa' liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm309.10).

Ghalhekk it-Tribunal qed jilqa t-talba attrici limitatament fis-somma imsemmija ta' tlett mija u disa' liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm309.10) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' tlett mija u disa' liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm309.10) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti, b’dana pero` li l-ispejjez tad-decizjoni in parte tas-17 ta’ Marzu, 2006 ikunu a karigu tal-attur.”

Fl-appell introdott minnhom ghal modifika tas-sentenza l-konvenuti jispecifikaw dawn l-aggravji minnhom pretizi sofferti bid-decizjoni tat-Tribunal:-

(i) It-Tribunal naqas li jikkonsidra li s-sentenza prezentata mill-atturi ma kienetx kopja legali u ghalhekk jigi li t-Tribunal ma setax jiehu konjizzjoni taghha;
(ii) Ukoll, id-dokumenti relattivi ghall-ispiza tal-hsarat ma gewx ikkonfermati;
(iii) Huma qatt ma gew imgharrfa bil-konduzzjoni tas-*survey* li sar;
(iv) L-attur ma pprezentax kopja tar-ricevuta ghal “*loss of use*”;
(v) Mill-provi prodotti ma rrizultax li huma ghamlu xi hsarat;

L-istanza promossa mill-atturi hi wahda ghar-rizarciment ta’ danni civili in konsegwenza ta’ att delittwuz, ossija ta’ hsarat volontarji fuq il-vettura ta’ l-atturi. Kif inhu sew maghruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili bhala element soggettiv ta’ l-illecitu u ghalhekk iservi hu wkoll bhala kriterju ta’ imputabilita` tar-responsabilita` civili. Naturalment, kif sewwa osservat mit-Tribunal fid-decizjoni preliminari tieghu tas-17 ta’ Marzu 2006 relativa ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, il-gudizzju civili huwa indipendenti minn dak kriminali, anke jekk, skond il-Laurent, “*il giudice civile possa al bisogno attingere gli elementi della sua canonizzazione alle prove raccolte in procedimento penale*” (**Kollez. Vol. XXV P I p 689**). Ghal kompletezza, skond certi senjalazzjonijiet kaptati mill-gurisprudenza, xejn ma josta illi jsir konfront bejn il-provi rakkolti fiz-zewg sedi - dik civili u dik penali - ghall-fini ta’ l-attendibilita` taghhom u ta’ l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (**Kollez. Vol. XXXIX P II p 768**) u hekk ukoll xejn ma jzomm milli tigi esebita

sentenza kriminali f' proceduri civili (**Kollez. Vol. XLII P II p 868**);

Ragonevolment, fuq dan l-ahhar punt jekk din is-sentenza taghmelx prova jew le hi kwestjoni rizervata ghall-gudizzju u prudenza ghaqlija tat-Tribunal. Hu cert pero` li din ma tistax tigi skartata sempliciment ghaliex mhix kopja legali. Dan, *multo magis*, imbaghad meta l-appellant Lawrence Castagna innifsu mhux biss jikkonferma illi ttiehdu proceduri kriminali kontra l-appellanti fuq l-istess incident dedott izda wkoll minn imkien ma jikkonfuta l-awtenticita` u l-veracita` tas-sentenza kriminali esebita fl-atti mill-atturi;

Biex jinghad kollox ghandu mbaghad jigi rilevat illi t-Tribunal ma jidherx li akkampa ruhu fuq din il-prova singola imma ghamel ezercizzju ta' valutazzjoni tar-rizultanzi istruttorji processwalment akkwiziti quddiemu. Ezercizzju dan li skond il-kriterju rizervat lilu bl-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 hu seta' jaghmlu ghal liberu konvinciment tieghu, dejjem s' intendi, fil-qafas tal-principju informatur tal-materja u bir-regola ta' gudizzju tal-kaz konkret;

Dan premess, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, fis-sustanza, l-aggravji kollha dedotti ma humiex hlief censura ta' l-apprezzament da parti tat-Tribunal tal-materjal probatorju in atti. Apprezzament dan konsistenti fir-ricerka ta' dik ir-responsabilita` ghall-akkadut fl-isfond kollu tac-cirkostanzi u fl-evalwazzjoni gusta tax-xhidiet singoli;

Din il-konstatazzjoni qeghda ssir ghaliex mill-impostazzjoni ta' l-aggravji huwa ferm dubitat kemm dan l-appell fuq dik il-bazi jista' jitqies ammissibbli. Id-dritt ta' l-appell lil din il-Qorti huwa wiehed limitat u ristrett ghall-kazijiet kontemplati taht is-subincizi (2) u (3) ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995. Gjaladarba l-valur tal-pretenzjoni huwa nferjuri ghall-ammont ta' hames mitt lira (Lm500), is-

subinciz (3) hu immedjatament eskluz. Konsiderat fil-parametri tas-subinciz (2) minn imkien mir-rikors ta' l-appell ma jirrizulta illi l-appellanti qeghdin jimpunjaw is-sentenza tat-Tribunal ghal xi wahda mill-ipotesijiet f' dan l-istess subinciz elenkati . Imkien ma gie dedott, per ezempju, xi lezjoni tad-dritt ekwitativ u anke kieku kellu jigi, ghall-grazzja ta' l-argoment, ammess illi tali lezjoni kienet implicita jew sottintiza, xorta wahda jkollu jinghad illi din mhix hlief pretest biex jigi introdott appell fejn dan, f' materja ta' kontestazzjoni tal-valutazzjoni tal-fatti, mhux akkonsentit. Ara f' sens konformi s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Maltacom plc -vs- Central Asphalt Limited**", 22 ta' Novembru 2006;

Ferma din l-osservazzjoni, hemm konsiderazzjoni wahda li trid issir, avolja dwarha l-appellanti, ma qanqlu ebda ilment. Din tirrigwarda ghall-aritmetika. Fil-parti razzjonali tas-sentenza appellata t-Tribunal deherlu li mill-ammont ta' danni pretizi (Lm384.10) kellhom jitnaqqsu l-ispejjez legali (Lm75) u dawk relattivi ghas-*survey report* (Lm40). Dan igib li s-somma kellha tigi ridotta ghal mitejn, disgha u sittin lira u ghaxar centezmi (Lm269.10) u mhux dik stabbilita mit-Tribunal (Lm309.10) u kanonizzata bis-sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell lilha sottomess tvarja l-parti kundannatorja tas-sentenza fis-sens illi l-appellanti ghandhom jaghmlu tajjeb in linea ta' danni fl-ammont ta' mitejn disgha u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm269.10) bl-interessi dekorribbli mil-lum. Mill-kumplament is-sentenza qed tigi konfermata. L-ispejjez tal-prezenti appell jibqghu sopportabbli mill-konvenuti appellanti. Dawk tal-prim' istanza jibqghu kif decizi b' dan li t-taxxa relattiva ghandha tinhadem fuq is-somma bil-prezenti kanonizzata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------